MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF
ANNA FELICE**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 19/2007/1

**Lawrence Borg f'ismu proprju u ghan-nom
tas-socjeta` estera "Cerviola Holidays Limited''**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

1.1. Din hija sentenza dwar appell interpost mir-rikorrenti appellant proprio et nomine moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fis-7 ta' Ottubru 2009 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi talab li din il-Qorti tirriforma l-imsemmija sentenza,

"billi tikkonferma fejn sabet li kien (hemm) ksur tal-Artikolu 6(1) minhabba d-dewmien izda tirriformaha dwar il-*quantum* tad-danni ghal din il-vjolazzjoni u tirrivokaha ghal kumplament tat-talbiet l-ohra li gew michuda u, minflok, tilqa' l-istess talbiet bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat u ghalhekk tibdilha wkoll dwar il-Kap tal-ispejjez."

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili qeghda tigi riprodotta *in toto* kif gej:

"**Il-Qorti**

"**Preliminari**

"Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti proprio et nomine ssottometta illi:

"Is-socjeta` attrici kienet iggib minn barra minn Malta turisti u ghal dan l-iskop tikri ajruplan charter mill-Airmalta Company Limited; u ghalhekk kienet tour operator, u stabbilita ghal zmien konsiderevoli u lokalment konoxxuta minhabba x-xoghol konsiderevoli li kienet taghti lill-kumpanija nazzjonali tal-ajru. Kienet tezisti sistema li jkun hemm vantagg fir-rata tal-kambju ghal tali tour operators maghrufa bhala Forward Buying Rate, imnedija mill-Gvern, u l-principju kien li din ir-rata tinghata lil min igib turisti Malta. Responsabbli ghal din is-sistema kien il-Bank Centrali, u ghal sena kienet l-N.T.O.M. Meta l-kumpanija rikorrenti applikat ghal tali beneficcju giet mgharrfa li dan ma kienx se jkun koncess lilha u dan ghaliex tali beneficcju huwa ''diskrezzjonali''; saret kawza li bdiet fl-1996, illi dan l-ghemil tal-Bank Centrali kien jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita` pubblika billi dan sar ghall-ghanijiet mhux xierqa u/jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Ta' min jghid li meta kienet responsabbli l-NTOM il-beneficcju nghata.

"Waqt is-smigh tal-kawza rrizulta li kien hemm diversi kazijiet ohra fejn min kien qed jinghata l-beneficcju ma kienx ghal kollox in regola. Il-Bank Centrali baghat ghal dawn il-kumpaniji u gab kollox in order, imma ghall-

kumpanija rikorrenti qatt ma riedu jibghatu. Anzi l-ewwel ma ghamlu kien li ghaddew lil Lawrence Borg personalment minn proceduri kriminali li minnhom gie kompletamemt liberat, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Novembru, 1994, u l-Avukat Generali appella u l-appell ikkonferma ghaliex l-appell kien null, u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-25 ta' Lulju, 1996. Immedjatament wara saret kawza civili li fiha gie dikjarat li l-allegazzjonijiet tal-Bank Centrali ma kienux imsejsa fil-fatt u fid-dritt, u minn din il-kawza ma kienx hemm appell. Din il-kawza kienet inqatghet fl-1 ta' Marzu, 2004 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.

"Fl-1 ta' Marzu, 2004, inqatghet il-kawza li ghamlet il-kumpanija rikorrenti. L-appell gie maqtugh fid-9 ta' Marzu, 2007. Fis-sentenza tal-Prim' Awla jinghad b'rilevanza ghall-kaz prezenti dan li gej: ''Illum il-gurnata l-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' ghamil amministrattiv imfissra u delinejata espressament fis-sistema procedurali taghha u l-Qorti hija marbuta li timxi mal-parametri li l-ligi tipprovdi ghal din l-ghamla ta' stharrig, sakemm il-ligi nnifisha ma tipprovdix mod iehor. Wahda minn dawn il-limitazzjonijiet hija li l-ilment imressaq jew ir-rimedju mitlub ma jkunx jista' jinkiseb mod iehor amministrattivament quddiem qorti jew tribunal iehor kif provdut mil-ligi. Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti ma ntweriex li l-kumpanija attrici kellha rimedju iehor procedurali jew statutorju ghall-ilment taghha jekk mhux quddiem din il-Qorti u b'din l-ghamla ta' azzjoni.''

"Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell qalet ghal dak li hu rilevanti ghal dan il-kaz is-segwenti: ''Il-kompitu tal-Qorti, f'kaz ta' stharrig gudizzjarju, mhux dak li tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-awtorita` pubblika, lanqas biex tiddeciedi jekk ir-ragunijiet li a bazi taghhom ezercitat id-diskrezzjoni taghha kellhomx mis-sewwa jew le, izda biex tara jekk a bazi tal-informazzjoni li kellha l-awtorita` pubblika fil-mument li ezercitat id-diskrezzjoni taghha, setghetx jew le tasal ghad-decizjoni li hadet. Jekk id-decizjoni kienet wahda li l-awtorita` pubblika setghet ragonevolment tasal ghaliha, allura dik id-decizjoni m'ghandiex tithassar. Kif qal Lord Diplock fil-House of

Lords fit-The Tameside Case (1977), ‘’*The very concept of administrative discretion involves a right to choose between more than one possible course of action upon which there is room for reasonable people to hold differing opinions as to which is to be preferred.’’*

“U fil-paragrafu ta’ qabel fl-istess sentenza jinghad : Hu veru li meta l-Bank konvenut talab il-konferma gudizzjali tal-agir suspettuz tal-kumpanija attrici, u l-konsegwenzjali likwidazzjoni u hlas tad-danni (fil-kawza citazzjoni numru 463/1990), il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, b’decizjoni tal-1 ta’ Marzu 2004, (mil-liema sentenza ma giex intavolat appell) kienet cahdet it-talba tal-Bank konvenut fuq il-bazi li ma tressqux provi sufficjenti biex jippruvaw, sal-grad mehtieg fil-kamp tal-procedimenti civili, l-premessi tat-talbiet tieghu, pero` mill-provi jirrizulta li fil-mumrent li l-Bank konvenut kien qed jikkunsidra t-talbiet tal-kumpanija attrici, kellu f’idejh dokumenti li jqanqlu suspett dwar it-tmexxija ta’ xi flejjes taghha. Fid-dawl ta’ dan, id-decizjoni li ha l-Bank biex jichad l-applikazzjonijiet il-godda tal-kumpanija attrici ma tidhirx li kienet irragonevoli jew barra minn lokha.

“L-ILMENTI

“Mill-fatti esposti fil-qosor jirrizultaw dawn il-lezjonijiet tad-drittijiet tal-esponenti:

“1. Li ma kienx hemm process civili fi zmien ragonevoli u dan bi ksur tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

“2. Li l-esponenti kellu access limitat ghall-Qorti mparzjali u ndipendenti fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u dan bi ksur tal-Artiklu 6(1) tal-istess Konvenzjoni, u dan peress li l-Artiklu 469A jaghti rimedju limitat kontra l-awtorita` pubblika anke fejn hemm drittijiet ta’ natura civili.

“3. Li l-esponenti gie mfixkel fil-possedimenti tieghu ta’ natura prekunjarja u dan fi ksur tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

“4. Li l-esponenti gie meqjus hati u li kien jippersisti suspett ragonevoli ta’ irregolaritajiet kontra l-kambju mill-Qrati Civili meta huwa kien mehlus mill-Qrati tal-gurisdizzjoni kriminali u dan bi ksur tal-Artiklu 6(3) tal-istess Konvenzjoni u tal-Artiklu 4 tas-7 Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

“5. Diskriminazzjoni kemm fuq il-fatti u dan f’riferenza ghall-ilment numru 3 ta’ hawn fuq, u ghall-ilment taht in-numru 2, u dan bi ksur tal-Artiklu 14 tal-istess Konvenzjoni, marbut mal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll, u fit-tieni lok mal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni.

“IR-RAGUNIJIET

“1. Hdax-il sena ghall-azzjoni ta’ review ta’ decizjoni amministrattiva mhux ragonevoli.

“2. Kif qalet sewwa hafna l-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tal-1 ta’ Marzu, 2004, il-limitazzjoni tal-azzjoni tac-cittadin kontra l-istat hija kbira. F’dan il-kaz kien hemm drittijiet pekunjarji u “civili’’ u l-istat ma kienx qed jagixxi fil-manzjoni ‘’politika’’ tieghu. Il-judicial review ghandu limitazzjonijiet serji, u l-Qorti Ewropea kellha okkazjoni fejn uriet il-limitazzjoni tal-istess, u dan meta l-kaz kien dwar immigrazzjoni u materji simili, meta l-istat jagixxi bhala Stat. L-azzjoni kontra l-gvern mhix limitata ghad-diskrezzjoni, imma ghal kull decizjoni. Ir-rimedju li tista’ taghti l-Qorti huwa dak li tara jekk kienx ragonevoli jew le. Kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti, ma hemmx dritt ghall-Qorti biex tara taqbilx jew le mad-decizjoni. Kollox huwa ragonevoli, sakemm ma jigix pruvat li palesament ma kienx ragonevoli. Fil-fatt il-qrati ma jistghux jidhlu fil-mertu per se. Dan fil-qosor jillimita eccessivament l-access ghal tribunal imparzjali u ndipendenti ghac-cittadin, u dan mhux meta jkun qed jehodha kontra l-istat fil-qasam tad-dmir esekuttiv, jew dak li kien jissejjah ‘’jure imperi’’.

“3. L-esponenti gie privat mill-aspettativi ta’ sistema li poggietu fi zvantagg kbir ma’ tour operators ohra. Is-sistemi ta’ exchange rate favorevoli ghat-tour operators

kien sussidju biex jghin lill-operators igibu t-turisti minn barra. Hadd ma allega li l-esponenti ma gabux t-turisti minn barra, u n-numru taghhom kien dokumentat, ghaliex l-ajruplani kienu tal-Airmalta. Haddiehor gawda mis-sistema, u dak li kien misthoqq mill-esponenti gie negat fuq ‘’suspett’’, anzi kif qalet il-Qorti tal-Appell, fuq in-nuqqas ta’ fiducja’’. Dan l-agir la kien ragonevoli, la proporzjonat, u l-anqas skont il-ligi. Dan johrog mill-fatt li kien hemm haddiehor li ghamel xi zbalji u dawk gew korretti. Jekk kienet ligi, allura suppost li kellha s-sanzjoni ghal kulhadd. Il-Bank Centrali ma kellux l-awtorita` tal-amnistija presidenzjali. Ghalhekk ma kinitx skont il-ligi s-sanzjoni u l-espropriju li sar a dannu tal-esponenti.

“4. Minkejja li l-esponenti gie misjub mhux hati u liberat kompletament mill-qrati ta’ gurisdizzjoni kriminali, kemm fis-sentenza tal-Prim’ Awla, u aktar u aktar f’dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, xorta jippersisti s-suspett ta’ agir li kiser il-ligi tal-kambju vigenti dak iz-zmien. Huwa fuq dan is-suspett li l-azzjoni tal-Bank Centrali giet ragonevoli. Dan imur kontra l-Artiklu 6(3) u cioe` l-prezunzjoni tal-innocenza. Huwa gie prezunt hati.

“5. Id-diskriminazzjoni hija maqsuma fi tnejn. L-ewwel hemm diskriminazzjoni fit-trattament li rcieva l-esponenti komparat ma’ ohrajn fl-istess ilma. Kif jirrizulta mill-atti qatt u qatt ma baghtu ghall-esponenti biex jirrangaw xi difetti li seta’ kien hemm. Ghall-mistoqsija in kontroezami l-ufficjal tal-Bank Centrali qal li ma baghatx ghall-esponenti ghax hadd ma qallu biex jibghat ghalih, fil-waqt li s-superjuri qalulu ghal haddiehor. Il-Qorti tal-Appell iddistingwiet bejn min dineb venjalment u min dineb bil-goff. Dawn id-dnubiet u klassifika taghhom ma johorgux mill-iskema tal-Forward Buying Rate. Jew ligi l-istess ghal kulhadd, jew le.

“It-tieni lment fuq id-diskriminazzjoni huwa dwar l-access ghall-qorti bejn il-gvern u c-cittadin. Waqt li l-gvern jibqa’ jgawdi l-azzjonijiet kollha, c-cittadini bl-artiklu 469A tal-kap 12 huwa limitat. Fil-fatt jekk wiehed jaqra sewwa dan l-artiklu, jsib li tqieghed fil-parti li titkellem fuq il-gurisdizzjoni, u kif inhu miktub juri li huwa limitazzjoni tal-

gurisdizzjoni tal-Qrati. Il-guristi taljani jghidu l-espressjoni li artiklu mill-'locazione e la locuzione,'' juri manifestament l-intenzjoni tal-legislatur. F'dan il-kaz u jidher li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili afferrat dan l-element hemm parametri ta' azzjoni. Min-naha l-ohra fuq l-istess fatt, il-gvern ghandu l-aktar azzjoni ampja. Ezempju car huwa dan il-kaz. Il-Bank Centrali (ghalkemm minghajr success) ghamel kawza ghar-rifuzjoni ta' dak li kien hallas fl-1987. L-esponenti kellu dritt biss li jiehu dikjarazzjoni (forsi u b'limitazzjonijiet kbar) li n-nuqqas ta' hlas dovut ma kienx ragonevoli. Dan fuq l-istess materja u t-thaddim taghha, u meta ma hemmx kwistjonijiet tal-poteri esekuttivi tal-istat. Il-Bank Centrali ma kienx qed jaghti rata favorevoli bhala ''ghajnuna socjali'' lit-tour operators Kien qed jaghmel investiment ghaliex mid-dhul tal-valuta estera mit-turizmu, dawn juru fil-kontijiet tal-istess bank. Kien operazjoni ta' negozju. Imma la huwa awtorita` pubblika azzjoni kontra tieghu hija limitata bl-Artiklu 469A tal-Kap. 12. Il-gvern ma jistax ikollu posizzjoni differenti fl-operazzjonijiet li mhumiex essenzjalment dawk li johorgu mill-poter esekuttiv. Kif nhi s-sitwazzjoni kull decizjoni tal-amministrazzjoni hi x'inhi, titqies li hi ragonevoli sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju. F'dan il-kaz anke fuq suspett, l-awtorita` pubblika kienet ragonevoli.

"TALBIET

"Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara:

"1. Li ma kienx hemm process civili fi zmien ragonevoli u dan bi ksur tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem

"2. Li l-esponenti kellu access limitat ghall-Qorti mparzjali u ndipendenti fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u dan bi ksur tal-Artiklu 6(1) tal-istess Konvenzjoni, u dan peress li l-Artiklu 469A jaghti rimedju limitat kontra l-awtorita` pubblika anke fejn hemm drittijiet ta' natura civili, u ghaldaqstant tiddikjara li l-Artiklu 469A tal-Kap 12 imur kontra l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni msemmija.

"3. Li l-esponenti gie mfixkel fil-possedimenti tieghu ta' natura prekunjarja u dan fi ksur tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

"4. Li l-esponenti gie meqjus hati u li kien jippersisti suspett ragonevoli ta' irregolaritajiet kontra l-kambju mill-Qrati Civili meta huwa kien mehlus mill-Qrati tal-gurisdizzjoni kriminali u dan bi ksur tal-Artiklu 6(3) tal-istess Konvenzjoni u tal-Artiklu 4 tas-7 Protokoll tal-istess Konvenzjoni.

"5. Illi l-esponenti sofra diskriminazzjoni kemm fuq il-fatti u dan b'riferenza ghall-ilment numru 3 ta' hawn fuq, u ghall-ilment taht in-numru 2, u dan bi ksur tal-Artiklu 14 tal-istess Konvenzjoni, marbut mal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll, u fit-tieni lok mal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni.

"6. Taghti rimedji effettivi, u taghti kumpens xieraq ghall-vjolazzjonijiet lamentati.

"Bl-ispejjez.

"Rat ir-**risposta tal-intimat** a fol. 10 tal-process fejn espona illi:

"1. Preliminarjament in kwantu fir-rikors tieghu, r-rikorrenti jsemmu mill-inqas tliet proceduri gudizzjarji u jilmentaw hafna dwar mill-inqas wahda minnhom, ir-rikorrenti ghandhom jindikaw b'mod car liema huma dawn il-proceduri u jannettu kopja tas-sentenzi li dwarhom qeghdin jilmentaw, u dan ai termini tar-Regolament 3 tal-A.L. 35 tal-1993 li jobbliga lir-rikorrent jipprezenta rikors car, u jiftiehem. Dan iservi wkoll biex l-intimat ikun jista' janalizza kif id-diversi proceduri msemmija jirrelataw flimkien, u hekk ikun jista' jiddefendi ruhu tajjeb.

"2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu t-talbiet fir-rikors promotur ma jindikawx b'mod preciz minn xhiex jirrizultaw il-lanjanzi ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, r-rikorrenti ghandhom jghidu b'mod car u preciz liema fatti skont huma waslu ghall-allegat ksur tad-drittijiet taghhom, u dan minhabba n-

nuqqas ta’ dettalji fir-rikors promotur, kif inghad iktar ‘il fuq.

“3. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrenti jittentaw jiksbu permezz ta’ procedura straordinarja dak li ma rnexxilhomx jiksbu permezz ta’ procedura ordinarja li anke waslu fi stadju t’appell, din il-procedura hija abbuziva u frivola u vessatorja u ghandha tkun dikjarata bhala tali. Jidher car anke minn qari tar-rikors li r-rikorrenti qaghdu jistennew l-ezitu tal-proceduri ta’ *judicial review,* u hekk kif dawn kellhom ezitu negattiv ghalihom, allura mbaghad intavolaw din il-procedura kostituzzjonali biex jittentaw jaslu fejn ma waslux bil-proceduri l-ohra. Dan jinghad iktar u iktar peress li jidher li kien hemm xi proceduri ohra mexjin mal-procedura ta’ *judicial review* liema proceduri ohra kellhom ezitu favorevoli ghar-rikorrenti u dwar liema proceduri ma sar l-ebda lmentt kostituzzjonali, minkejja li twalu iktar minn dik tal-judicial review!

“4. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-Qorti m’ghandha fl-ebda hin tisma’ provi dwar il-mertu ta’ dawn il-proceduri l-ohra msemmija fir-rikors, peress li ex admissis, il-mertu kollu ta’ dawn id-diversi proceduri msemmija llum ghadda in gudikat.

“5. Illi fil-mertu, t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-konfront tar-rikorrenti, u hekk it-talbiet taghhom ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontrihom, u dan kif se jkun spjegat fil-paragrafi t’hawn taht.

“6. Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti jinghad li l-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi ghal dritt ta’ smigh xieraq. Il-gurisprudenza tghallimna li biex wiehed jiddeciedi dwar talba bhal din, il-Qorti trid tezamina l-assjem shih tal-atti fil-proceduri in kwistjoni, nkluz l-imgieba tar-rikorrenti nnifsu li seta’ kien strumentali biex twalet il-kawza. Dwar din it-talba ssir referenza wkoll ghal dak li jinghad fil-paragrafu 3. Ghalhekk m’hemm l-ebda ksur tal-Artiklu 6 f’dan ir-rigward.

“7. Illi dwar it-tieni talba jinghad li, kuntrarjament ghal dak li qed jissottomettu r-rikorrenti, l-intenzjoni wara l-Artiklu 469A tal-Kap. 12 hija li c-cittadin jattakka l-azzjonijiet jure imperi tal-istat. Dan peress li l-azzjonijiet tal-istat jure gestonis jistghu ikunu attakkati bl-applikazzjoni tal-ligi generali u civili. Ghalhekk dak li qed jinghad mir-rikorrenti mhux korrett u c-cittadin ghandu access liberu ghall-qrati dwar iz-zewg tipi ta’ azzjonijiet. Jinghad ukoll li r-rikorrent fil-fatt ezercita dan id-dritt t’access ghall-qorti sal-istadju tal-appell. Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistax jilment min-nuqqas t’access ghall-Qorti ai termini tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni. Jinghad ukoll li l-Artiklu 469A tal-Kap 12 fil-fatt holoq proceduralment l-access lic-cittadin fil-Qrati taghna fi kwistjonijiet ta’ agir tal-istat jure imperi u ghalhekk is-sitwazzjoni hi kuntrarja ghal kif qed jiddiskrivuha r-rikorrenti, u m’hemm l-ebda ksur tal-Artiklu 6b f’dan ir-rigward.

“8. Illi dwar it-tielet talba, m’hemm l-ebda taghrif dwarha fir-rikors promotur u l-uniku hjiel li hemm jidher li huma fatti mertu ta’ proceduri ohra msemmila fir-rikors promotur. Dwar din it-talba jinghad li r-rikorrenti qishom qed jippretendu li kellhom jithallew jippartecipaw f’din l-iskema bi dritt mentri fil-fatt huma kienu ghamlu biss talba lill-awtoritajiet. L-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll jassumi li l-persuna ghandha l-proprjeta` diga taghha, pero` f’dan il-kaz ir-rikorrenti ghandhom biss f’idejhom applikazzjoni biex jiehdu sehem f’din l-iskema. Ghalhekk m’hemm l-ebda ksur tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll fil-konfront tar-rikorrenti.

“9. Illi dwar ir-raba’ talba jinghad li m’hemm l-ebda ksur tad-drittijiet imsemmija fir-raba’ talba. Jinghad ukoll li jidher li bhala fatt, ir-rikorrenti agixxew b’mod suspettuz anke quddiem il-Qrati taghna fl-istess proceduri msemmija fir-rikors promotur.

“10. Illi dwar il-hames talba jinghad li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti. Jidher li kumpaniji ohra li kellhom l-istess problemi bhar-rikorrenti dwar l-iskema msemmija, ghazlu li jaslu f’arrangament ghall-hlas lura mal-Bank Centrali. Ir-rikorrenti, minkejja li

kienu mistiedna jaghmlu l-istess, irrifjutaw u ghamlu talba apparti ghal danni. Fi kwalunkwe kaz, ma jissussisti l-ebda ksur tal-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni.

“11. L-esponent jirriserva d-dritt li jressaq risposta ulterjuri u iktar dettaljata f’kaz li l-Qorti tordna lir-rikorrenti jispecifikaw iktar l-ilmenti taghhom fir-rikors promotur, jew f’kaz ta’ prezentazzjoni ta’ xi dokumenti kif mitluba f’din ir-risposta, u dan peress li t-talbiet huma ta’ certa kumplikazzjoni u r-rikors hu nieqes minn taghrif preciz u dokumenti li jixhtu dawl fuq il-kontenut tar-rikors. L-esponent jirriserva wkoll li jitlob il-kjamata fil-kawza ta’ terzi li jistghu jkunu affettwati b’din il-procedura.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom.

“Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

“Rat id-digriet a fol 14 li bih few allegati l-atti mitluba;

“Rat in-nota ta’ kjarifika tar-rikorrent a fol 15;

“Semghet lil Edmond Calleja bil-gurament;

“Rat in-noti ta’sottomissjonijiet tal-partijiet;

“**KONSIDERAZZJONIJIET**

“**Allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.**

“Ir-rikorrenti qed jallega ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja minhabba:

- “It-tul ta’ zmien biex intemmew il-proceduri fil-kawza Citaz: 2959/96 bi ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni;
- “In-nuqqas t’access ghall-qorti minhabba l-mod kif inhi l-ligi dwar l-azzjoni ghal stharrig ta’ ghemil amministrattiv b’ ksur tal-artikolu 6(1); u

- “Ksur tal-presunzjoni tal-innocenza meta l-Qorti assumiet li hu kien hati meta fil-fatt fil-proceduri kriminali hu kien gie liberat, dan b’ ksur tal-artikolu 6(2);

“ <u>(i) Tul ta’ zmien biex jintemmew il-proceduri</u>

“Ir-rikorrent qed jilmenta mill-fatt li fil-proceduri istitwiti minnu ma kienx hemm process civili fi zmien ragonevoli u dan bi ksur tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Hu jghid li hdax il-sena huma twal wisq specjalment f’kaz ta’ stharrig gudizzjarju.

“L-intimati wiegbu li f’dawn il-kazijiet ma hemmx zmien wiehed li jista’ jigi meqjus li huwa rragjonevoli imma l-Qorti trid tara l-kaz fl-assjem tieghu. L-intimati jirrimarkaw li r-rikorrent mhux qed jilmenta dwar il-kaz l-iehor, li l-bank istitwixxa kontra tieghu, li mexa ma’ dina l-kawza u li dam erbatax il-sena biex jigi deciz.

“Il-Qorti tirreleva li meta jigi allegat li z-zmien li ttiehdet biex tigi deciza kawza ma kienx ragjonevoli, dan iz-zmien m'ghandux jigi determinat fl-astratt, imma fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkun. **(ara Applikazzjoni.Nru.1103/61 kontra l-Belgju)**. Il-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea stabbilew is-segwenti kriteri li ghandhom jigu segwiti biex jigi determinat jekk kienx hemm dewmien mhux ragjonevoli.

“(1) *the complexity of the case as a whole* – bhal aspetti fattwali u legali tal-kaz, n-natura u s-serjeta` tal-kaz, in-numru tal-persuni nvoluti, jekk kienx hemmx htiega ta' xhieda minn barra u problemi ohra dwar gbir ta' provi.

“(2) *the manner in which the case has been handled by the national judicial authorities and the courts* - fosthom wiehed jista’ jsemmi "whether the state allowed the proceedings to stagnate refraining from taking any substantial procedural measures for a considerable amount of time" ; "or whether the system itself could be the object of criticism for displaying inherent features which inhibit the speedy conclusion of cases"; "the conduct of the authorities has to be consistent with the fair

balance which has to be struck between the requirement that judicial proceedings be expeditious and the principle of the proper administration of justice". **(Boddaert vs Belgium).**

"(3*) the applicant's own conduct*: jekk kienx hemm dewmien jew ostruzzjoni da parti tal-applikant stess, f'liema kaz, dawn m'ghandhomx ikunu attribwibbli ghal-istat. **(Ara Huber vs Austria u segwiti fil-kazijiet l-ohra Foti vs Italy, Corigliano vs Italy u Eckle vs Germanja.)**

"Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti kienet osservat dan li gej:

"Il-każ huwa minnu nnifsu wieħed kompless. Dan seħħ mhux biss minħabba n-nisġa ta' ġrajjiet li jduru mad-deċiżjoni meħuda mill-Bank imħarrek, iżda wkoll mill-mod kif żvolġa s-smigħ tal-kawża, u b'mod partikolari mix-xejra li ngħata bid-degriet tal-15 ta' Lulju, 1997. Ir-rabta taż-żewġ kawżi ma' xulxin u l-ħtieġa li din il-Qorti tqis fil-mertu jekk id-deċiżjoni meħuda mill-Bank imħarrek kinitx fondata u tajba xekklu mhux ftit il-mixi 'l quddiem ta' din il-proċedura, mixja li ikkumplikat ruħha mhux l-anqas minħabba li l-kawża għaddiet minn idejn erba' ġudikanti sa ma waslet biex illum qegħda tingħata s-sentenza".

"Jirrizulta bhala fatt li l-kaz kien wiehed minnu nnifsu kompless u kien qed jinstemgha ma kaz iehor konness mieghu bejn l-istess partijiet. Il-Qorti ezaminat il-process 2959/96 u taghmel dawn l-osservazzjonijiet. Il-kawza kienet giet prezentata mir-rikorrent fl-14 ta' Ottubru 1996 u bdiet jinstemgha mill-Qorti. Sa s-sena 2000 jirrizulta li dejjem sar xi haga utili. Fis-sena 2000 imbaghad gie nominat assistent gudizzjarju biex ikompli jisma' x-xhieda u fit 2002 dan lesta l-inkarigu tieghu wara li zamm diversi seduti. Fit 2002 il-kawza kienet waslet fl-istadju finali taghha u thalliet ghat-trattazzjoni orali u bil-miktub u fil 5 ta' Gunju 2003 thalliet ghas-sentenza u wara hames differimenti s-sentenza nghatat fl-1 ta' Marzu 2004. Fl-istess data nghatat ukoll is-sentenza l-ohra li l-bank kien ghamel kontra r-rikorrent. Mis-sentenza fic-citazzjoni 2959/96 kien sar appell li gie appuntat ghall 1 ta' Marzu 2005. Dakinhar l-appell gie trattat u thalla ghas-sentenza

ghall-27 ta' Mejju 2005 izda kien biss fid- 9 ta' Marzu 2007 li nghatat is-sentenza, wara 13 il-differiment u wara li ghaddew sentejn li baqghet tigi differita ghas-sentenza.

"Fil-fehma ta' dina l-Qorti kien hemm dewmien mhux ragjonevoli biex tinghata s-sentenza fl-istadju tal-appell meta din giet differita tlettax il-darba ghas-sentenza fuq perjodu ta' sentejn. Mill-qbija ma ssibx li kien hemm dewmien iehor mhux gustifikat. Fil-kaz tas-sentenza tal-Prim Istanza din il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm is-sentenza inghatat fi zmien sena, izda jibqa' l-fatt li l-kaz kien wiehed kumpless u li l-Imhallef li ppronnunzja s-sentenza dahal fl-ahhar stadju tal-proceduri wara li ghaddiet minn idejn tlett imhallfin ohra qablu.

"Il-Qorti ma ssibx li b'xi mod ir-rikorrent ikkontribwixxi ghal dana d-dewmien. Jirrizulta li kemm quddiem l-ewwel qorti kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell huwa kien insista fuq l-urgenza tal-kaz tieghu u ghamel diversi rikorsi biex il-kawza tinstemgha bl-urgenza, jew tigi rikjamata mill-appuntament li kien nghata.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi lil kien hemm ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minhabba dewmien mhux ragjonevoli kif fuq spjegat.

"<u>(ii) Access limitat ghall-Qorti - azzjoni ghall-stharrig gudizzjarju taht l-artikolu 469A tal-Kap 12.</u>

"Ir-rikorrenti qed jilmenta li hu kellu access limitat ghall-Qorti mparzjali u ndipendenti fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u dan peress li l-artikolu 469A tal-Kap 12 jaghti rimedju limitat kontra l-awtorita` pubblika anke fejn hemm drittijiet ta' natura civili. Hu jissottometti li jekk l-artikolu 469A tal-Kap 12 jaghti biss fakolta' lic-cittadin li l-gvern jezaminah limitatament ghad-*due process*, id-drittijiet civili li ghandu c-cittadin kontra l-gvern jispiccaw fix-xejn ghaliex kollox jigi att amministrattiv.

"L-intimati wiegbu li l-Qorti trid tezamina jekk bil-ligi kif inhi r-rikorrent kellux access ghal qorti skont l-artikolu 6 ta'

Konvenzjoni. Id-dritt ta' access ghal qorti jista' jkun limitat jew suggett ghal xi kundizzjonijiet.

"Illi ghalkemm 'the right to a court' ma jirrizultax mid-dicitura tal-artikolu 6 innifsu, huwa parti importanti mid-dritt protett permezz ta' dana l-artikolu bhala 'the right of access to a court'[1]. Id-dritt ta' access ghal qorti pero` jista' jkollu limitazzjonijiet. Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha moghtija fil27 ta' Jannar 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Patrick Mangion v. Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija** kienet irriferit ghall-dak li ntqal fil-kaz **Stubbings v United Kingdom (1996)** fir-rigward tad-dritt ta' access ghal qorti taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

"The Court recalls that Article 6 para 1 embodies the 'right to a court', of which the right of access, that is, the right to institute proceedings before a court in civil matters, constitutes one aspect. However this right is not absolute, but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State. In this respect, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation, although the final decision as to the observance of the Convention's requirements rests with the Court. It must be satisfied that the limitations applied do not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 para 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved…"

"Fil-kaz in ezami r-rikorrent jallega li l-ligi kif inhi taht l-469A tal-Kap 12 dwar stharrig gudizzjarju ccahhad lic-cittadin milli jkollu access ghall-qorti u smigh xieraq billi r-

[1] Skond il-Qorti ta' Strasbourg, Article 6 § 1 secures the "right to a court", of which the right of access, that is the right to institute proceedings before courts in civil matters, constitutes one aspect only (see *Osman v. the United Kingdom*, judgment of 28 October 1998, *Reports of Judgments and Decisions* 1998-VIII, p. 3166, § 136, and *Cordova v. Italy (no. 1)*, no. 40877/98, § 48, ECHR 2003-I).

rimedju kontra l-gvern huwa limitat. Ir-rikorrent jippretendi li l-access ghall-qorti ghandu jkun iktar wiesa bhal ma hu fil-kaz ta' cittadin fil-konfront ta' cittadin iehor.

"Illi l-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Sultana v Malta ( tal-11 ta' Dicembru 2007)** fuq ilmenti simili, imma fil-konfront tal-Public Service Commission, "Where the applicant, claimed to have had a right to challenge a decision of a public authority… iddecidiet li: "the right the applicant was claiming was not "civil" in nature. The right to challenge a decision of a public authority as provided by Article 469A is derived from the concept of due process as established in the Maltese Constitution, which in the present case has no elements which could make it akin to a "civil" right required to make Article 6 applicable".

"Dana apparti pero`, dina l-Qorti tirrileva li r-rikorrent f'dina l-kawza mhux qed jattakka l-ligi kif inhi ghalhekk dak li l-Qorti trid tezamina huwa jekk ir-rikorrent kellux access ghal qorti taht l-artikolu 469A. Illi kemm l-ewwel Qorti kif ukoll l-Qorti tal-Appell qablu li r-rikorrent ma kienx irnexxilu jipprova li l-Bank konvenut mexa mieghu b'mod mhux korrett jew abbużiv, jew b'mod nieqes mir-raġuni anzi jghidu li gew sottomessi ragunijiet tajba bizzejjed li jindikaw li d-diskrezzjoni moghtija lill-awtoritajiet giet ezercitata kemm "rite" kif ukoll "recte". Jirrizulta ghalhekk li r-rikorrent kellu l-opportunita' kollha li jressaq il-lanjanzi tieghu b'mod shih u li gew kollha konsidrati mill-Qorti. Hu jressaq il-provi kollha li xtaq. Jirrizulta ghalhekk li taht il-ligi kif inhi r-rikorrent kellu l-access ghall qorti. Dana apparti l-fatt li skont il-Qorti ta' Strasbourg l-artikolu 6 lanqas ma hu applikabbili ghall-kaz.

"Illi ghalhekk ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni f'dan ir-rigward.

"<u>(iii) Presunzjoni tal-innocenza</u>

"Ir-rikorrent jilmenta wkoll li huwa gie meqjus hati u ppersista suspett ta' irregolaritajiet kontra l-kambju mill-Qrati Civili ghalkemm huwa kien gie mehlus mill-Qrati tal-gurisdizzjoni kriminali u dan bi ksur tal-Artiklu 6(3)

(proprjament (2)) tal-istess Konvenzjoni u tal-Artikolu 4 tas-7 Protokol. (*ne bis in idem*). Ir-rikorrenti jissottometti li ghalkemm hu kien gie liberat mill-akkuzi kriminali migjuba kontrih, il-Qorti Civili, anke fi grad ta' Appell, xorta baqghet tghid li "*mill-provi prodotti jirrizulta li fil-mument li l-Bank konvenut kien qed jikkunsidra t-talbiet tal-kumpanija attrici, kellu f'idejh dokumenti li jqanqlu suspett dwar it-tmexxija ta' xi flejjes taghha*".

"L-intimati wiegbu li dik il-Qorti kellha tara hu kif graw il-fatti fil-punt meta l-amministrazzjoni kienet ser tiehu d-decizjoni taghha dwar ir-ragjonevolezza tad-decizjoni tal-Bank. Il-Qorti ma assumietx li r-rikorrent kien hati imma ppruvat tifhem il-hsieb tal-amministrazzjoni biex tara jekk fid-decizjoni taghha mxietx skont il-ligi jew le.

"Minn qari akkurat tas-sentenza, kemm tal-Prim istanza, kif ukoll dika tal-Qorti tal-Appell, jirrizulta l-Qorti Civili ma assumietx li r-rikorrent kien hati. Hija ghamlet biss ezercizzju biex tikkunsidra jekk, meta l-bank kien qed jiehu d-decizjoni tieghu jaccettax jew le lir-rikorrent fl-iskema, d-decizjoni li ttiehdet kienitx wahda arbitrarja u/jew nieqsa mir-ragjonevolezza jew kienx hemm bazi ghaliha f'dak l-istadju. Fil-fatt l-ewwel Qorti kienet qalet li:

"Il-Bank imħarrek għamel aċċertamenti li, fid-dawl tad-dokumenti li kienu tressqu, kienu juru li kien hemm xi irregolaritajiet fit-tmexxija ta' xi flejjes tagħha li wassluha biex tqis li ma kienx il-każ li dik il-kumpannija tingħata l-benefiċċju tal-f.b.r. <u>Sa dan l-istadju</u>, il-Qorti hija soddisfatta li l-Bank imħarrek uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu b'mod raġonevoli. Dan jingħad bla ebda rifless dwar jekk id-deċiżjoni kinitx tajba fil-mertu jew jekk il-Qorti taqbilx ma' dik id-deċiżjoni".

"Imma dika l-Qorti marret oltre u qalet:

"Illi tifdal il-kwestjoni jekk, madankollu, wara li l-attur inħeles minn kull akkuża ta' natura kriminali dwar ksur tal-liġi tal-kambju, il-Bank imħarrek kienx raġonevoli iżjed li jibqa' jqis li kienet għadha tippersisti sitwazzjoni li kienet tiġġustifikah ikompli jiċħad l-applikazzjoni. Jidher li t-

tweġiba għal din il-mistoqsija tinsab billi jingħad li l-Bank imħarrek fisser li r-raġuni li minħabba fiha huwa deherlu li għandu jiċħad it-talba lill-kumpannija attriċi ma kinitx daqstant il-fatt li kienu għaddejjin proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali kontra l-attur *proprio* daqs kemm kien il-fatt li, minn stħarriġ li kien sar minn wieħed mill-ogħla uffiċjali tiegħu, kien hemm sinjali li wrew lill-Bank li tassew sata' kien hemm irreglaritajiet imwettqa mill-kumpannija attriċi u l-kumpannija Maltija tal-istess attur li jmorru kontra r-regolamenti tal-kambju;

"Illi ghalhekk ma kien hemm ebda ksur tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u Protokol 7.

"**Vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol.**

"Ir-rikorrent jilmenta wkoll li hu gie mfixkel fil-possedimenti tieghu ta' natura prekunjarja u dan bi ksur tal-Ewwel Protokol tal-istess Konvenzjoni. Hu jghid li sofra privazzjoni minn dak li kien dritt tieghu ghall-sussidju fuq l-isterlina li kien element importanti tal-qliegh u operazzjoni kollha. Ighid ukoll li lanqas ma kien hemm proprozjonalita' bejn dak li kien allegat u dak li gie privat minnu.

"L-intimati wiegbu li meta persuna tapplika ghal licenzja jew permess jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-awtorita` taghtix il-permess jew le, u dana dejjem skont ir-regolamenti applikabbili. Persuna ma tistax tippretendi licenzja bi dritt ghax altrimenti tkun qed tigi negata d-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni. Ghalhekk la hija biss kwistjojni ta' applikazzjoni, ma hemmx proprjeta` li tappartjeni lill-persuna.

"Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma kellux f'idejh dak li hu jsejjah 'propjeta' li hu jghid li gie pprivat minnha. L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol jitlob li biex dan ikun applikabbili, il-persuna jrid ikollha l-proprjeta` ghandha u mhux li jkollha speranza li se jkollha dik il-propjeta'. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma kienx intitolat li jidhol fl-iskema bi dritt imma kien jehtieglu li japplika u jekk jissodisfa l-kondizzjonijiet fil-parametri tal-ligi kien jinghata l-fakolta' li jidhol fl-iskema. Kien biss meta jinghatalu dak il-permess li r-

rikorrent jirrealizza l-potenzjal li jgawdi l-proprjeta`. Hu risaput li ”*expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of “possessions”* . **(Traktorer AB v Sweden 7 ta’ Lulju 1989.)**

“F’dan il-kaz l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol mhuiex applikabbili billi r-rikorrent ma kellux possediment li gie pprivat minnhom.

“**Diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.**

“Ir-rikorrent jillanja wkoll dwar diskriminazzjoni marbuta ma’ l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol u ma’ l-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni. Hu jilmenta dwar zewg tipi ta’ diskriminazzjoni, l-ewwel dwar il-fatt li huwa impedut li jaghmel azzjoni kontra l-gvern jew awtorita` tieghu fuq decizjoni li tolqot il-patrimjonju tieghu (Art 6(1). Skont ir-rikorrent hemm differenza fit-trattament bejn id-dritt tac-cittadin li jifttex lil cittadin iehor u cittadin li jfittex il-Gvern fuq materja civili. It-tieni tip ta’ diskriminazzjoni huwa dak mehud flimkien ma l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol.

“Ir-rikorrent isostni li f’dan il-kaz kien hemm diversi entitajiet ohra li kellhom zbalji u li l-Bank rranga maghhom mentri kontra tieghu ittiehdu proceduri kriminali u qtugh ta’ sussidju. Ghallhekk kien hemm trattament differenti bla raguni valida warajh, allura tezisti diskriminazzjoni taht il-lista fl-artikolu 14, liema lista mhiex *exhaustive.*

“L-intimati wiegbu li ma ngabet ebda prova dwar x’tip ta’ diskriminazzjoni qed jilmenta minnha r-rikorrenti, anzi jghidu li l-awtoritajiet imxew ma’ l-applikanti l-istess bhal entitajiet l-ohra, izda waqt li l-ohrajn ikkoperaw, ir-rikorrent webbes rasu u fittex ghad-danni. Huma jghidu li r-rikorrent ma indikax il-bazi tal-allegata diskriminazzjoni u ghalkemm il-lista fl-artikolu 14 mhiex konklussiva, xorta wahda l-bazi tad-diskriminazzjoni trid tkun fl-stess linja ta’ dik il-lista.

“Dwar id-diskriminazzjoni allegata bejn ic-cittadin u l-gvern kif marbuta mad-dritt ta’ access ghall-qorti, l-intimati jsostnu li la darba d-dritt ta’ access ma nkisirx f’dan il-kaz, allura ma japplikax l-artikolu 14. L-istess dwar id-diskriminazzjoni kif marbuta mad-dritt ta’ proprjeta`. L-intimati jirritjenu li la ma hemmx ksur ta’ dritt ta’ proprjeta` lanqas ma hu applikabbili l-artikolu 14 kif marbut mieghu.

“Il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti ma indikax fir-rikors tieghu l-bazi tal-allegata diskriminazzjoni kontrih. Hu semma li nghata trattament differenti minghajr raguni valida, izda dina waheda mhiex il-bazi tad-diskriminazzjoni imma t-trattament differenti jrid ikun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post tal-origini, l-opinjonijiet politici, eccetra, jew ragunijiet ohra marbuta mad-deskrizzjoni tal-persuna diskriminata u mhux ma’ decizjoni mehuda.

“Inoltre l-Qorti Civili, kemm fil-prim istanza, kif ukoll fl-Appell, kienet ezaminat *funditus* il-lanjanza tar-rikorrent dwar id-diskriminazzjoni u fir-rikors odjern qed jigu ripetuti mir-rikorrent l-istess argumenti u sottomissjonijiet li saru quddiem l-ewwel qorti u fl-Appell u li gew kollha michuda. Qed jigu riprodotti f’din is-sentenza dawk il-brani fejn dawk il-lanjanzi gew konsidrati mill-Qorti Civili. Dika l-Qorti setghet tezamina dawk il-lanjanzi billi l-Kap 319 huwa parti mill-ligi ordinarja.

“L-ewwel Qorti qalet hekk:

“Iżda l-Bank imħarrek ressaq xhieda tajba biżżejjed li wriet li ma wettqet l-ebda diskriminazzjoni kontra l-kumpannija attriċi b’xi trattament differenti favur kumpaniji oħrajn li kienu qegħdin jibbenefikaw mill-f.b.r. Ingħatat raġuni plawsibbli li fissret li l-Bank imħarrek qies il-każijiet tal-kumpanniji barranin li jibgħatu t-turisti mir-Renju Unit għal Malta fuq il-mertu tagħhom. Min-naħa l-oħra, dwar il-kumpannija attriċi, l-Bank imħarrek għamel aċċertamenti li, fid-dawl tad-dokumenti li kienu tressqu, kienu juru li kien hemm xi irregolaritajiet fit-tmexxija ta’ xi flejjes tagħha li wassluha biex tqis li ma kienx il-każ li dik il-kumpannija tingħata l-benefiċċju tal-f.b.r.

“Illi peress li l-kumpannija attriċi bniet ukoll il-biċċa l-kbira tal-każ tagħha fuq akkuża li l-Bank imħarrek iddiskrimina kontra tagħha fir-rifjut tiegħu li jilqagħlha l-applikazzjonijiet tagħha, irid jingħad li mill-provi mressqa dan ma jirriżultax. Fl-ewwel lok, il-Bank imħarrek ressaq prova tajba biżżejjed li turi li m’huwiex minnu li l-kumpannija attriċi ġiet trattata bmod differenti u agħar minn kumpanniji oħrajn fl-istess ilma tagħha. Fit-tieni lok, lanqas jista’ jingħad li l-Bank imħarrek ċaħad permess lill-kumpannija attriċi li enti ieħor (l-N.T.O.M.) laqa’ fi żmien divers, u dan għaliex l-iskema mfassal mill-Bank imħarrek u dak imfassal mill-N.T.O.M. ma ntweriex li kienu l-istess. Huwa magħruf u aċċettat li wieħed jista’ jitkellem dwar diskriminazzjoni biss meta lil persuna jingħata trattament differenti minn dak li jingħata lil persuni oħrajn fl-istess qagħda, u mhux biżżejjed li jintwera li dik il-persuna ġiet żvantaġġata bit-trattament mogħti.”

“Illi ssemma’[ wkoll li l-kumpannija attriċi ma għenet xejn lilha nnifisha fit-trattament mal-Bank imħarrek u dan għaliex ma kinitx tagħti tagħrif dokumentat kif mitlub mill-istess Bank. Din il-ħaġa wkoll għandha s-siwi tagħha fid-dawl tal-akkuża ta’ trattament diskriminatorju li ssemmi l-kumpannija attriċi. Kien meħtieġ li l-kumpannija attriċi tipprova li l-permess biex hi tieħu sehem fl-iskema inżammilha minkejja li kienet wettqet kulma kien preskritt li jsir. Minn dan kollu ma ntwera xejn, u lanqas jidher li l-kumpannija attriċi meriet b’xi mod dik il-prova tal-Bank.

“Hu veru li mix-xiehda ta’ dan l-istess David Pullicino, irrizulta li kien hemm xi kumpaniji ohra li rrizulta li kienu abbuzaw bl-iskema, pero` l-ammonti kienu zghar u kien intlahaq ftehim maghhom ghar-refuzjoni tal-flus involuti. F’dan il-kaz il-Bank konvenut wera li ried jasal fi ftehim anke ma’ l-attur, u anke saru laqghat ghal dan l-iskop, pero`, dan ma ntlahaqx peress li l-attur kien qed jinsisti ghall-kumpens u kien nieda dawn il-proceduri fejn qed jinsisti ghall-hlas ta’ danni. Kif gie spjegat, altru titratta ma’ persuna li tkun suspettata li agixxiet irregolarment f’ammonti kbar ta’ flus u, minn fuq, tibqa’ tinsisti ghal danni, u altru titratta ma’ dik li mill-ewwel irrikonoxxiet l-

"izbalji" taghha li kienu jinvolvu ammonti zghar ta' flus, u li kienet disposta tirrifondi dak li setghet akkwistat irregolarment. Din il-Qorti tifhem li fit-tieni kaz, ghad-differenza tal-persuna involuta fl-ewwel kaz, dak li jkun jista' jibqa' jkollu "fiducja" fil-persuni involuti, u allura jibqa' jitratta maghhom".

"Apparti l-fatt li l-ilment tar-rikorrent dwar id-diskriminazzjoni kien gie trattat u michud mill-Qorti Civili jibqa' l-fatt li fil-kaz kostituzzjonali odjern gie muri wkoll li ma nkiser ebda dritt fundamentali tar-rikorrent fir-rigward taz-zewg artikoli indikati minnu li maghhom rabat l-artikolu 14 dwar id-diskriminazzjoni u cjoe l-artikolu 6 dwar id-dritt ta' access ghall-qorti u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol dwar id-dritt ghall-proprjeta`. Illi l-artikolu 14 m'ghandux *independent exisitence* u biex ikollok vjolazzjoni tal-Artikolu 14 hemm bzonn ta' vjolazzjoni ta' xi artikolu sostantiv, li f'dan il-kaz ma hemmx.

"Ghalhekk l-ilment taht l-artikolu 14 qed jigi michud ukoll.

**Decide**

"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li ma kienx hemm process civili fi zmien ragonevoli u dan bi ksur tal-Artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

"Tichad it-talbiet l-ohra;

"Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrent is-somma ta' elf u mitejn euro (€1200) in vista tal-lezjoni dwar l-ewwel talba;

"Bl-ispejjez kwantu ghal zewg terzi ghar-rikorrenti u terz ghall-intimati."

**<u>L-AGGRAVJI TAL-APPELL TAR-RIKORRENT PROPRIO ET NOMINE</u>**

2. Ir-rikorrent proprio et nomine hassu aggravat bis-sentenza surreferita u interpona appell minnha, ghall-

finijiet indikati *supra*, fuq l-aggravji li, jirreferu ghas-segwenti:

(1) It-tul ta' zmien biex jintemmu l-proceduri.
(2) Access limitat ghal Qorti.
(3) Prezunzjoni tal-innocenza.
(4) Vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.
(5) Ksur tal-Artikolu 14: Diskriminazzjoni mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll I l-Artikolu 6(1).

Il-lanjanzi tar-rikorrent pro et noe jistghu in succint jingabru kif gej:

<u>2(1) Tul ta' Zmien biex Jintemmu l-Proceduri</u>
Ghalkemm l-ewwel Qorti sabet vjolazzjoni taht din il-lanjanza, ir-rimedju pekunjarju moghti kien baxx. Il-kumpens tal-Qorti Ewropeja f'kazi ta' *just satisfaction* kien bil-wisq ikbar ghal lezjoni ta' din ix-xorta.

<u>2(2) Access Limitat ghall-Qorti</u>
L-ewwel Qorti rriteniet li r-rikorrent appellant ma kienx fil-fatt qed jattakka l-ligi kif inhi.

Dak li l-appellant issottometta fil-fatt kien dwar jekk l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 kienx jaghti biss fakolta` lic-cittadin li jiehu lill-Gvern il-Qorti sabiex l-atti u d-decizjonijiet tieghu jigu ezaminati skont il-ligi, izda dan jista' jaghmlu biss limitatament ghal 'rite et recte'. Ghalhekk, bhala fatt, ir-rikorrenti kien qieghed jattakka l-ligi "kemm fil-kelma taghha u kemm fl-operat taghha".

Wara li l-appellant jaghmel accenn ghall-operat zbaljat min-naha tal-Bank Centrali fil-konfront tieghu huwa jissottometti li l-ewwel kellu jigi deciz jekk dan l-operat rigwardanti t-thaddim tal-"Forward Buying Rate" kienx semplicement att amministrattiv jew inkella dritt civili naxxenti minn dak li huwa sejjah bhala "att pubbliku" – u bhala tali ma setghax jigi mibdul "hlief bil-kunsens tat-tnejn".

Wara li ttiehdu proceduri kriminali kontrieh, sakemm fl-ahhar huwa gie liberat, ir-rikorrenti kellu jibqa jistenna l-ezitu tal-istess proceduri. Il-Qorti tal-Appell (Sede Civili)

kienet ghalhekk zbaljata meta kompliet tirreferi ghal “suspetti fondati ta’ irregolarita`” fil-konfront tieghu.

2(3) Prezunzjoni tal-Innocenza
Minkejja s-sentenza liberatorja moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, il-Bank Centrali xorta baqa’ jirritjeni li kien hemm irregolaritajiet imwettqa mill-kumpannija appellanta kif ukoll min-naha tal-appellant proprio u li skont il-Bank kienu jmorru kontra r-regolament tal-kambju. “Il-Qorti tal-Appell tat il-benedizzjoni. Dan huwa ksur tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza kostanti in propozitu.”

2(4) Vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll
L-appellant jissottometti inoltre illi mill-atti ghandu jirrizulta li huwa kellu “possediment attwali”. Huwa mexa skont l-iskema msejha il-“Forward Buying Rate” kif imhaddma mill-Bank Centrali u wara, minghajr ebda bdil fiha hlief f’min jamministra mill-NTOM.

Lanqas kien hemm evalwazzjoni korretta tal-provi min-naha tal-ewwel Qorti.

L-appellant ma kellux aspettativa biss ta’ dritt. Kien hemm sahansitra kawza konnessa ma’ tieghu li lanqas giet appellata min-naha tal-Bank Centrali li fiha kien qed jinsisti ghar-rifuzjoni lura ta’ dak li l-appellanti kienu ottjenew fi flus.

La taqa’ din il-bazi ta’ motivazzjoni tas-sentenza appellata allura jsegwi li dan l-ilment kellu jigi milqugh.

Il-fatt li l-Bank Centrali li huwa taht awtorita` pubblika, ipprivahom minn dak il-kreditu u rrendihulhom non-ezistenti jwaqqa’ l-argumenti kollha tal-ewwel Qorti li ma kienx applikabbli.

F’dan il-kaz ghalhekk “kien hemm l-applikabbilita` tal-Ewwel Protokoll ghal dan il-kaz”.

2(5) Dwar l-Artikolu 14 Diskriminazzjoni marbut mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u l-Artikolu 6(1)

L-appellant proprio et nomine jissottometti illi jekk kienx hemm trattament differenti johrog minn dak li ntqal fis-sentenza appellata stess. Skont l-appellant huwa
“kien qed ifittex ghad-danni sofferti u kellu access biss ghal *judicial review*, il-Bank Centrali u l-Qorti tal-Appell xorta baqghu jqisuh hati jew irregolari li kiser ir-regoli tal-Exchange Control, li jfissru li kien hati ta’ reat, gie trattat differentement ghax ma marx jindem!”

Min mar “jammetti htijietu wara li baghtu ghalihom” inghata mahfra, jghidu l-appellanti, imma mhux “ghal min insista ghall-innocenza” ghaliex fil-konfront tieghu mxew mod iehor bla ma batu ghalieh. Mhux veru li l-awtoritajiet tal-Bank Centrali baghtu ghalih – imma kienu baghtu ghalih il-pulizija li hargulu att ta’ akkuza.

Id-diskriminazzjoni m’hijiex marbuta biss mar-ragunijiet li hemm imsemmija fil-lista tal-Artikolu 14 ghax din m’hijiex ezawrjenti. Ghalhekk kien hemm ksur ukoll tal-Artikolu 14 b’rabta mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

**IR-RISPOSTA TAL-APPELLAT AVUKAT GENERALI**

3. l-Avukat Generali wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u ghandha tigi kkonfermata.

Dwar l-ewwel aggravju, it-tul ta’ zmien biex tigi mismugha u deciza kawza huwa biss fattur wiehed li ghandu jigi kkunsidrat. Ma jezistix perjodu ta’ zmien prestabbilit. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-kaz kien pjuttost wiehed kompless u kien qieghed jinstema’ flimkien ma’ kaz iehor konness mieghu. L-appellant qatt ma lmenta dwar dewmien fil-procedura civili.

Dwar it-tieni aggravju, ghandu jinghad li d-dritt ta’ access jista’ jkun wiehed limitat pero` dan ma jwassalx ghal ksur kif pretiz mill-appellant. Anki l-fatt li biex ikun hemm access ghall-Qorti jkun hemm zmien perentorju ragjonevoli li jwaqqaf jew jillimita l-proceduri ma jiksrux dan id-dritt.

L-appellant naqas milli juri kif l-allegat nuqqas fil-ligi jolqtu. L-appellant, kif sew qalet il-Qorti, m’huwiex jattakka l-ligi

kif inhi izda n-nuqqas ta' access ghal qorti taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

Dwar it-tielet aggravju, l-appellat sostna li, fi proceduri civili, il-Qorti kellha bilfors tara l-fatti kif graw fil-mument meta l-amministrazzjoni kienet qeghda tiehu d-decizjoni taghha – u dan proprju biex tara jekk din waslitx ghall-konkluzjoni taghha b'mod ragjonevoli jew le. Dan kien jikkostitwixxi l-qofol tal-azzjoni tal-istharrig gudizzjarju ta' atti amministrattivi.

Dwar ir-raba aggravju, kif qalet l-ewwel Qorti ladarba din kienet biss kwistjoni ta' applikazzjoni, ma hemmx proprjeta` jew possediment kif pretiz mill-appellant. L-unika aspettattiva li jista' jkollu applikant hija dik li l-applikazzjoni tigi kunsidrata.

Dwar il-hames aggravju, l-appellant naqas illi jgib prova tal-allegata diskriminazzjoni. Mhux kull distinzjoni tammonta ghal diskriminazzjoni. Trattament hazin ma jammontax ghal diskriminazzjoni. L-agir tal-awtoritajiet "irid jigi mqabbel ma' agir fil-konfront ta' persuna ohra fl-istess sitwazzjoni bhall-appellant u lid-differenza fit-trattament ma jkollhiex spjegazzjoni hlief ghal xi wahda mir-ragunijiet elenkati fl-Artikolu 14 jew ghal xi raguni *eiusdem generis*. Minbarra dan, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'ghandux ezistenza separata, izda jrid jigi ezaminat flimkien ma' disposizzjonijiet ohra tal-istess Konvenzjoni li jiggarantixxu t-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. Ikun utli fl-ewwel lok li jsir accenn in succint ta' fatti rilevanti li taw lok ghal din il-procedura ta' indole kostituzzjonali.

Fis-27 ta' April 1990, il-Bank Centrali ta' Malta flimkien mal-Ministru tal-Finanzi hadu azzjoni civili ghal hlas ta' danni kontra l-odjern appellant proprio et nomine (ara Citazzjoni numru 463/90) quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fuq il-premessa li l-konvenuti kisru l-kundizzjonijiet

tal-i"Special Guaranteed Pound Sterling Scheme". L-ammont ta' danni mitlub kien ta' (f'valuta ta' dak iz-zmien) Lm2,221.77c5m. Din il-kawza bdiet in segwitu tinstema' flimkien ma' kawza ohra mibdija sitt snin wara mill-konvenut proprio et nomine – din id-darba *qua* attur kontrihom – u giet deciza madwar tmien snin wara, jigifieri fl-1 ta' Marzu 2004 b'ezitu <u>kontra</u> l-Bank Centrali u l-Ministru tal-Finanzi *qua* atturi.

Kif gia` ntqal *supra*, fil-pendenza tal-ewwel procedura surreferita, l-appellant odjern pro et nomine harrek liz-zewg atturi fil-kawza l-ohra permezz ta' citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni numru 2959/96) li giet ipprezentata fl-14 ta' Ottubru 1996. Fiha l-attur proprio et nomine talab dikjarazzjoni mill-Qorti li r-rifjut tal-konvenuti milli jibbenefika mill-iskema tal-"Forward Buying Rate" kien wiehed null u abbuziv. Talab allura li huwa jigi ammess ghal dan il-beneficcju u jithallas tad-danni li sofra. Din il-kawza bdiet tinstema' flimkien mal-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi u giet deciza bhala fl-<u>1 ta' Marzu 2004</u>, jigifieri tmien snin wara. B'din is-sentenza, it-talbiet tal-attur proprio et nomine (l-odjern appellant) <u>gew michuda</u> wkoll. Minnha sar appell mill-attur proprio et nomine (l-appellant) fit-18 ta' Marzu 2004 ghal fini ta' revoka. Dan l-appell mit-tieni procedura gie deciz fid-<u>9 ta' Marzu 2007</u>, wara li kien mar ghas-sentenza fl-<u>1 ta' Marzu 2005</u>, u wara li kien hemm mhux anqas minn hdax-il differiment konsekuttiv ghal fini tal-prolazzjoni tas-sentenza. Il-Qorti tal-Appell <u>ikkonfermat</u> l-ewwel sentenza u ghalhekk hija cahdet l-appell ta' l-attur proprio et nomine.

Ghall-kompletezza ta' din ir-retroxena tal-fatti saljenti, l-appellant proprio et nomine jaghmel inoltre riferenza ghall-fatt li fil-pendenza tal-kawzi civili surreferiti, ittiehdu procedura kriminali kontrih fuq akkuzi ta' ksur tar-Regolamenti dwar Exchange Control, li dwarhom huwa kien hareg liberat.

**<u>L-Aggravju dwar Dewmien tal-Proceduri</u>**

5. L-ewwel lanjanza dwar dewmien esagerat biex jinghalqu l-proceduri civili hija relatata biss mal-*quantum* li gie likwidat mill-ewwel Qorti, jigifieri fl-ammont ta' elf u mitejn euro (€1,200) u dan peress li effettivament l-ewwel Qorti sabet li kien hemm tassew lezjoni. Mhux biss il-proceduri twalu b'kollox ghal hdax-il sena – li diga` fih innifsu hu perjodu twil – imma dak li kkolpixxa lill-ewwel Qorti, pjenament kondiviz minn din il-Qorti, kien il-fatt li fl-ahhar sentejn, u meta allura l-procedura kienet waslet fi stadju ta' appell, ma kien hemm xejn anqas minn hdax-il differiment konsekuttiv biex tinghata sentenza. Dan hu evidentement dewmien irraggjonevoli u l-ewwel Qorti immotivat sew l-aspetti kollha li solitament jittiehdu u konsiderazzjoni f'lanjanzi simili u m'huwiex ghalhekk il-kaz li din il-Qorti toqghod tirrepetihom ghaliex ikun ezercizzju ta' hala ta' zmien. Dwar l-ammont likwidat pero`, il-Qorti taqbel mal-appellant li l-ammont iffissat mill-ewwel Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, fosthom per ezempju li ghall-appell biss l-appellant kien mistenni joqghod isegwieh minn differiment ghall-iehor ghal hdax-il seduta biex jigi deciz, kien baxx wisq. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel aggravju billi qeghda tvarja l-ammont moghti u floku qeghda tillikwida l-ammont oghla ta' tlett elef euro (€3,000).

**<u>L-Aggravju Dwar Access Limitat Ghal Qorti</u>**

6. Dwar dan l-aggravju, l-appellant proprio et nomine tramite l-patrocinant legali tieghu, l-ewwel jimbarka f'ezercizzju dwar il-"genesi" li waslet ghall-formulazzjoni tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u mbaghad, iressaq ragunijiet biex juri li d-distinzjoni antika ta' bejn atti amministrattivi "iure imperii" u ohrajn "iure gestionis" ghadha tezisti u li l-operat involut f'din il-kwistjoni kellu jitqies bhala wiehed fil-kategorija ta' att "iure gestionis". Lejn l-ahhar tas-sottomissjonijiet tieghu, imbaghad, jghid li huwa "fil-fatt kien qed jattakka il-ligi kemm fil-fehma taghha u kemm operat taghha".

Din il-Qorti tibda billi tosserva li nonostante l-aspetti ta' "interess storiku" li l-appellant qanqal dwar l-evoluzzjoni fl-abbozzar tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, il-fatt jibqa' li l-ligi

llum hija dik li hi u sakemm din tibqa' fis-sehh kif tinsab miktuba, din il-Qorti trid timxi fuq dak li tghid l-istess ligi. Minkejja li lejn l-ahhar tal-lanjanza tieghu l-appellant jissottometti li huwa kien qieghed jattakka anke l-"kelma tal-ligi", ma hemmx dubju li l-impressjoni li huwa ta sakemm gie ghall-istadju tal-appell kienet dik li l-mod kif din il-ligi giet imhaddma, tat lok ghal lezjoni. Fi kliem iehor, ma kien xejn evidenti, kif issa donnu qieghed jippretendi l-appellant li kien qieghed jattakka l-validita` tal-ligi nfisha. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk dan huwa minnu, xorta wahda hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-appellant lanqas ghandu ragun fuq dan il-punt. Huwa evidenti li bl-introduzzjoni tal-Artikolu 469A tal-Kap. 19, id-drittijiet tac-cittadin viz-a`-viz atti amministrattivi sfaw ristretti sew kemm ghal dak li jirreferi ghal bazi ta' kull azzjoni li tista' tittiehed f'kaz ta' atti amministrattivi, kemm bhala z-zmien li fih tista' tittiehed tali azzjoni u kemm ukoll ghal dak li jikkoncerna l-aspett ta' "redress" jew rimedju f'kaz ta' sejbien ta' xi vjolazzjoni. Madanakollu, u kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti li rriferiet, fost ohrajn, ghall-kaz fl-ismijiet **Stubbings v. United Kingdom**, deciz mill-Qorti ta' Strasbourg, fl-1966 u li gie segwit anke minn dawn il-Qrati, id-dritt dwar access ghall-Qorti m'huwiex wiehed assolut jew illimitat b'mod u manjera li ma jistax jigi arginat talment li, filwaqt li jkun qieghed jillimita jew jirrestringi l-azzjonijiet li cittadin ikun jista' jiehu kontra awtoritajiet pubblici u b'dan li fl-istess hin, id-dritt ta' access lic-cittadin jibqa' possibbli, u dan dejjem b'riferenza ghall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jigifieri li,

"The Court recalls that Art. 6 para. 1 embodies the 'right to a court', of which the right of access, the right to institute proceedings before a court in civil matters, constitutes one aspect. <u>However, this right is not absolute, but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the state</u>… It (the Court) must be satisfied that the limitations applied do not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired…"

(Enfasi mizjud tal-Qorti).

Apparti l-fatt li kif qalet l-ewwel Qorti, in bazi tad-decizjoni **Sultana v. Malta** (11 ta' Dicembru 2007) inxtehet aktar minn dubju dwar l-aspett ta' dritt civili in kwantu fiha gie ritenut illi,
"The right to challenge a decision of a public authority as provided by article 469A is derived from the concept of due process as established in the Maltes Constitution, which in the present case has no elements which could make it akin to a 'civil' right required to make Article 6 applicable."

7. Issa meta l-Bank Centrali u l-Ministru tal-Finanzi dehrilhom li fl-operat taghhom mal-appellant proprio et nomine kien hemm irregolaritajiet u kienu intitolati li jirkupraw lura flejjes li gia` kienu hallsuh, huma ma qabdux u hadu l-ligi f'idejhom imma harrkuh civilment u l-appellant proprio et nomine min-naha tieghu mhux biss "thalla" jiddefendi ruhu imma talli ottjena gudikat favurieh ghaliex it-talbiet tal-atturi f'dik il-kawza gew michudin.

Bl-istess mod meta l-appellant proprio et nomine deherlu li ghandu jiehu azzjoni kontra l-atturi b'kawza istitwita minnu huwa ma qaghdx lura milli ghan-nom tas-socjeta` Cerviola Holdings Ltd harrikhom biex jitlob ir-revoka tar-rifjut taghhom, li jinghata l-istess beneficcji koncessi lill-operaturi fil-kategorija turistika bhal tieghu, kif ukoll jitlob hlas ta' danni li huwa allega li sofra. Meta l-ewwel Qorti cahditlu dawn it-talbiet, huwa interpona appell ghal fini ta' revoka imma jirrizulta li s-sentenza li appella minnha f'isem is-socjeta` surreferita giet ikkonfermata. Kien biss meta dawn il-proceduri kollha gew fi tmiemhom li l-appellant deherlu li kellu lanjanzi xi jressaq, permezz tal-procedura in dizamina, bazati fuq lezjonijiet ta' natura konvenzjonali. Fi kliem iehor, bil-limitazzjonijiet kollha tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 certament ma jistax jigi ritenut li l-appellant proprio et nomine ma kellux access ghall-Qorti, kif ilmentat minnu, u lanqas ma jirrizulta li kif evolvew il-proceduri kollha gudizzjarji li ttiehdu, kien hemm xi vjolazzjonijiet kontra d-drittijiet fundamentali tac-cittadin kif sottomess mill-appellant proprio et nomine. Kif gie ritenut fil-kaz **De Gouffre de la Praddelle v. France** (16 ta' Dicembru 1992) mill-Qorti ta' Strasbourg, l-importanti hu li

l-limitazzjonijiet li jkunu gew imposti mill-legistlatur fuq id-dritt ta' azzjoni,
"… must not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired (ara wkoll **Philis v. Greece**, 27 ta' Awwissu 1991, ECHR), u li

"… in particular he should have had a clear, practical and effective opportunity to challenge an administrative act that was a direct interference with his right of property."

Ghalhekk isegwi li dan it-tieni aggravju huwa nfondat u jimmerita li jigi respint.

8. <u>It-tielet aggravju huwa dwar il-prezunzjoni tal-innocenza</u>. L-appellant jissottometti li l-kummenti tal-Qorti tal-Appell li saru fil-kawza civili istitwita minnu dwar l-operat tas-socjeta` estera rapprezentata minnu u li kienu jirreferu ghal "suspett qawwi ta' ksur tar-regoli tal-Exchange Control" kienu jiksru l-Artikolu 6(12) tal-Konvenzjoni Ewropeja. L-Artikolu 6(2) jirreferi ghall-presunzjoni tal-innocenza. Issa apparti li l-provi skarsissimi dwar dan il-punt min-naha tal-appellant proprio et nomine, bil-fatt li l-Qorti tal-Appell fil-kawza civili tieghu accennat ghall-proceduri kriminali istitwiti kontrieh m'ghandux ifisser li b'daqstant dik il-Qorti bhal donnha qisitu "hati" kif jargumenta l-appellant. Il-kumment tal-Qorti dakinhar kien fis-sens li,
"fil-mument li l-Bank konvenut kien qed jikkunsidra t-talbiet tal-kumpanija attrici, kellu f'idejh dokumenti li jqanqlu suspett dwar it-tmexxija ta' xi flejjes taghha."

Tali kumment ma jammontax, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghal xi kundanna temerarja kontra l-appellant. Wara kollox, din kienet materja ta' indole kriminali u l-proceduri li kellhom jittiehdu saru quddiem il-Qorti kompetenti.

Dan il-kumment evidentement sar bhala parti mill-indagni li bdiet taghmel il-Qorti tal-Appell biex tara jekk oggettivament l-operat tal-Bank Centrali kienx wiehed abbuziv jew irragjonevoli jew le. Di fatti, wara li qieset dan kollu, dik il-Qorti kkonkludiet kif gej:

“Fid-dawl ta’ dan, id-decizjoni li ha l-Bank biex jichad l-applikazzjonijiet il-godda tal-kumpanija attrici la kienet irragjonevoli jew barra minn lokha…”

Fi kliem iehor, il-kumment tal-Qorti tal-Appell kien parti mill-istharrig gudizzjarju li hija hasset li kien necessarju ghaliha li taghmel u din il-Qorti bl-ebda mod ma hija impressjonata bid-“dubji” li gew ventilati dwar dan l-istharrig li sar mill-Qorti tal-Appell. L-appellant ghandu kull dritt li jzomm opinjoni tieghu, imqar jekk din li ma tkunx taqbel ma’ dak li ntqal mill-Qorti, imma dan fih innifsu ma jammonta ghal ebda lezjoni tal-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja kif allegat minnu.

Ghalhekk it-tielet aggravju qed jigi dikjarat infondat u konsegwentement respint.

9. <u>Ir-raba’ aggravju</u> jallega li saret vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghax, skont hu, dan “johrog manifest mill-atti li l-esponenti kellu possediment attwali”. Darba li huwa gie liberat minn kull akkuza ta’ irregolarita` ta’ natura fiskali, kien allura jfisser illi ma kellu jkun hemm ebda ostakolu ghall-ghoti tal-beneficcji taht l-iskema tal-“Forward Buying Rate” u dan ukoll ghaliex kellu jsegwi li l-applikazzjoni tieghu biex jircievi l-beneficcji, fi flus, minghand il-Bank Centrali kien messha giet akkolta. Minn dawn ir-regolamenti, l-appellant qieghed jirritjeni li allura kien ifisser li d-“dritt” tieghu li jigi ammess ghall-“Forward Buying Rate Scheme” kien jammonta ghal possediment attwali u dan ukoll ghaliex kellu ragjonevolment “a legitimate expectation” derivanti proprju minn tali stat ta’ fatt.

Il-kontroparti appellata ma taqbilx, anzi ssostni li l-unika “aspettativa” li seta’ kellu l-appellant *qua* applikant kienet “li l-applikazzjoni tieghu tigi kunsidrata” u dan hu hekk ghaliex altrimenti “titnehha d-diskrezzjoni vestita fl-amministrazzjoni biex taghzel bejn id-diversi possibilitajiet permess mil-ligi…”

Din il-Qorti la taqbel ma' dak li qieghed jippretendi l-appellant u lanqas mal-posizzjoni legali kif enuncjata mill-appellat.

Persuna jew socjeta` kummercjali bhal ma kienu l-appellanti kellhom, mhux ma kellhomx, "a legitimate expectation" li, darba li kull ostakolu li seta' kien hemm ghall-ghoti tal-beneficcji tal-iskema fiskali surreferita gie sormontat, li l-applikazzjoni mhux biss tigi kkunsidrata (kif jissottometti l-appellat) u daqshekk, imma wkoll li tigi milqugha. Imma b'daqshekk ma jfissirx li allura tali "aspettativa" kienet *ut sic* tammonta ghal xi "possediment attwali". Id-"dritt" li seta' jaspira ghalieh l-appellant kien dak li tinhariglu l-licenzja. Il-posizzjoni tieghu kienet ezattament kif moghtija mill-Qorti tal-ewwel grad fis-sentenza taghha, jigifieri,
"Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma kellux f'idejh dak li jsejjah 'proprjeta`' li hu jghid li gie pprivat minnha. L-Artikolu 1 tal-Ewwwel Protokoll jitlob li biex dan ikun applikabbli, il-persuna jrid ikollha l-proprjeta` ghandha u mhux li jkollha speranza li se jkollha dik il-proprjeta`. Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma kienx intitolat li jidhol fl-iskema bi dritt imma kien jinhtieglu li japplika u jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet fil-parametri tal-ligi kien jinghata l-fakolta` li jifhol fl-iskema. Kien biss meta jinghatalu dak il-permess li r-rikorrent jirrealizza l-potenzjal li jgawdi l-proprjeta`. Hu risaput li 'expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions' (**Traktorer AB v. Sweden**, 7 ta' Lulju 1989).

Attwalment, l-appellant kien pjenament konxju mill-posizzjoni tieghu. Di fatti, kien proprju ghalhekk li huwa agixxa civilment kontra l-Bank Centrali u l-Ministru tal-Finanzi biex jitnehha r-rifjut, jinghata l-beneficcji dovuta lilu, flimkien mad-danni. Kien biss wara li, bi sfortuna ghalih, it-talbiet tieghu gew respinti mill-Qorti tal-Appell li "twebbel" bit-tezi ta' godiment ta' "possediment attwali" b'allegazzjoni li gie vvjolat l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

Dan ir-raba' aggravju kwindi huwa wkoll infondat u qieghed jigi respint.

10. Il-hames u l-ahhar aggravju huwa bbazat fuq allegata diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Taht il-kappa ta' dan l-aggravju jidhlu kemm aspetti ta' fatt kif ukoll ta' dritt. Ghalhekk huwa utli u opportun li qabel xejn isir accenn ghall-fatti kif jemergu mill-provi prodotti (a differenza jigifieri ta' mera sottomissjoni jew allegazzjoni min-naha jew minn ohra), kif ukoll dwar il-posizzjoni legali korretta li ghandha tirregola kwistjonijiet simili rigwardanti diskriminazzjoni bi ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja.

11. L-ewwel punt: Bhala stat ta' fatt kien hemm trattament diskriminatorju jew le min-naha tal-awtoritajiet tal-Bank Centrali fil-konfront tal-appellant proprio et nomine? Mill-provi jirrizulta li, bil-maqlub ta l-impressjoni skorretta li ried jaghti l-appellant, ma huwiex veritjer li jinghad li l-awtoritajiet tal-Bank Centrali mxew mieghu b'mod differenti ma' kif imxew ma' haddiehor. Apparti x-xiehda neboluza ghall-ahhar li jaghti l-appellant dwar din il-parti tal-vicenda, il-provi juru mhux biss li kien hemm aktar minn inkontru wiehed fi sforz li tintlahaq xi forma ta' ftehim, imma anke korrispondenza tezisti in konferma ta' tali fatt – hekk ara ittri Dok A1 u Dok A2 (fol. 43-44 tal-process), liema ittri intbaghtu ghan-nom tal-grupp Grant Thornton fuq is-suggett "Cerviola Holdings Ltd" minn Joseph Gauci fejn dan issuggerixxa inkontru bl-attendenza tal-appellant Lawrence Borg u l-avukat tieghu. Joseph Gauci, *inter alia*, xehed hekk (ara deposizzjoni a fol. 46) dwar dan:
"Jiena wiehed mill-partners tad-ditta civili Grand Torton (recte: Grant Thorton), socjeta` ta' awdituri.

"Jiena ghan-nom tal-attur kont involut f'xi tahdidiet mic-Central Bank.

"Fl-ewwel lok, ahna konna ltqajna mal-Ministru tal-Finanzi ta' dak iz-zmien l-Onorevoli John Dalli.

"Hu kien issuggerhielna li ahna niltaqghu mal-Gvernatur tal-Bank Centrali biex naraw kif nistghu nsolvu l-problema.

Effettivament ahna rrangajna appuntament. Morna jiena u s-Sur Borg u ltqajna mal-Gvernatur tal-Bank Centrali.

“Hu sema’ l-kaz taghna u weghdna li kien ser jinvestigah.

“Jiena wara din il-laqgha rcevejt telefonata minghand is-Sur Pullicino, id-Deputy General Manager tal-Bank, biex ahna naghmlu laqgha ohra. Sadanittant, jiena fis-17 ta’ Frar 1997 bghatt ittra lill-Bank Centrali.

Fl-ittra tas-17 ta’ Frar jiena kont tlabt li jkun prezenti ghal din il-laqgha Dottor Brincat. Sussegwentement jiena rcevejt telefonata ohra minghand is-Sur Pullicino fejn dan infurmana li jekk ahna ma nwaqqfux il-kawza, huma ma kenux disposti li jiltaqghu…”.

Jista’ jkun li laqghat ohra ma nzammux wara dakinhar imma l-impressjoni li ried jaghti l-appellant permezz tal-patrocinant legali tieghu kienet dik li fil-kaz taghhom, a differenza ta’ nies ohrajn, baghtu biss ghalihom il-Pulizija. Dan evidentement ma kienx jirrispekkja sew il-fatti kif sehhew.

12. Hemm imbaghad il-kwistjoni tar-rifjut ta’ l-applikazzjoni. Mill-provi jemergi li dwar dan ir-rifjut kien hemm aktar minn bazi wahda. Wahda mir-ragunijiet jaghtiha David Pullicino, Deputy Manager li xehed hekk (ara fol. 59):
“Skont l-informazzjoni li ghandi, il-Bank irrifjuta l-applikazzjoni tac-Cerviola Holidays fl-1988 ghax l-applikazzjoni gietipprezentata tard… Fl-1988 f’March 1988 giet rifjutata ghax l-applikazzjoni giet tard…”

Aktar ’il quddiem l-istess xhud imexxi d-data ghar-rifjut ghas-sena 1989 imma l-importanti hu li l-bazi tar-rifjut kienet minhabba applikazzjoni tardiva u xejn aktar. In segwitu, jirrizulta minnu li kien hemm rifjut iehor u li din id-darba raguni vera u proprja ma nghatatx. Wara li x-xhud gie ppressat ripetutament in kontroezami mill-avukat tal-appellant biex jghid x’seta’ kienet ir-raguni ghat-tieni rifjut, ix-xhud wiegeb hekk (fol. 71)

“Jiena nista’ nghidlek li fil-‘background’ kellna informazzjoni li kien hemm irregolaritajiet fuq il-*modus operandi* tac-Cerviola Holidays u l-Bank ghamel investigazzjoni fl-1988 u ahna veru sibna li kien hemm certi affarijiet li ma stajniex nirrikonciljawhom…”

Issa, bil-fatt li wara li ttiehdu anke proceduri Kriminali da parti tal-Pulizija kontra l-appellant Lawrence Borg u dan gie liberat ma jfissirx li l-Bank Centrali bilfors agixxa b’mod abbuziv kontrieh, u wisq anqas ma tidhol id-diskriminazzjoni. Il-Bank Centrali dehrilhom li kien hemm suspett ta’ rregolaritajiet, infurmaw b’dan lill-Pulizija u dawn hadu l-passi li kellhom jiehdu.

13. L-appellant jallega li xi hadd f’posizzjoni ta’ awtorita` mill-Bank Centrali “kellu ghalieh” – almenu fit-trattazzjoni orali tal-appell hekk intqal. Bhala ezempju ssemma’ l-fatt li filwaqt li l-Bank Centrali rrifjuta l-ghoti ta’ beneficcji lill-appellant, l-Awtorita` tat-Turizmu NTOM imxiet mieghu mod iehor u taghtu l-beneficcji dovuti. Ix-xhud Pullicino pero` jispjega hekk (ara fol. 80) dwar dan:
“L-iskema tal-NTOM hija differenti biex jikklejmjaw (sic) fuq ‘subsidy’ jistabbilixxu huma, huma jridu jipprezentaw l-‘invoice’, il-‘fiscal receipts’ tal-ammont li gie, ta’ spejjez li wehlu hawnhekk li hija haga differenti.”

Mis-suespost ghandu jemergi li seta’ kien hemm bazi differenti il-ghala NTOM imxiet mieghu mod u l-Bank Centrali mod iehor. Dan mhux kollox ghaliex aktar ’il quddiem fix-xiehda tieghu, Pullicino jaghti wkoll ragunijiet il-ghala l-Bank Centrali mexa’ <u>b’mod differenti</u> mal-appellant odjern. Fosthom semma’ li lil min baghtu ghalieh, u si trattava ta’ ammonti zghar, huma waslu f’soluzzjoni. Fil-kaz tal-appellant pero` huma hassew li l-pozizzjoni ma kenitx simili ghaliex, oltre l-proceduri kriminali, l-appellant kien anke harrikhom civilment u ghalhekk, jispjega x-xhud (fol. 88 tal-process).
“ahna ghidnielhom bil-kaz(i) imdendlin fuq rasna ma stajniex nitkellmu sakemm il-kaz gie ‘withdrawn’. Ma stajniex nitkellmu.”

Anzi x-xhud ikompli hekk (fol. 94) dwar skambju li kellu mal-appellant fi sforz li tinstab xi soluzzjoni (fol. 94),
"… u hemmhekk semma' li ser jaghmel danni (sic) u jien kif stajt nibda niddiskuti fuq 'settlement' meta kont naf li hu kien lest jew ser jaghmel kawza kontrijja ghad-danni(?)."

Haddiehor, jghid ix-xhud, ma fittxhomx ghad-danni.

Issa m'huwiex strettament kompitu ta' din il-Qorti li toqghod tara jekk il-pozizzjoni tal-Bank Centrali kenitx wahda idoneja jew le fic-cirkostanzi. Dan kollu kien jaqa' fil-mansjoni taz-zewg kawzi civili bejn il-partijiet li ghalihom gia` saret ampja riferenza *supra* imma li tara jekk l-atteggjament tal-Bank setghax jitqies bhala wiehed diskriminatorju fil-konfront tal-appellant u kwindi leziv ghall-Konvenzjoni Ewropeja. Dan igibna ghall-<u>aspetti legali</u> tal-aggravju in ezami.

14. L-ewwel nett din il-Qorti tibda billi tippreciza li l-enuncjazzjoni tad-dritt involut fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif moghtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellat m'hijiex korretta ghal kollox.

Dan hu hekk ghaliex ghalkemm huwa minnu li dan l-artikolu m'ghandux ezistenza indipendenti u jrid ikun hemm ness bejn l-allegata diskriminazzjoni ma' xi wiehed jew izjed mill-artikli tal-Konvenzjoni dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, mhux ukoll mehtieg li jkun hemm attwalment sejbien ta' lezjoni f'xi wiehed minn dawn l-istess drittijiet. Kif gie elaborat, fost ohrajn, fil-kaz **Cabales and Balkandali v. United Kingdom** (1985, ECHR),
"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to 'the enjoyment of the rights and freedoms safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter."

It-tieni punt ta’ precizazzjoni huwa li l-lista ta’ ragunijiet li hemm msemmija fil-Konvenzjoni biex tirradika ilment dwar diskriminazzjoni m’hijiex wahda ezawrjenti (“exhaustive”).

Kif jidher mill-atti, l-appellant proprio et nomine rabat konnessjoni dwar l-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tieghu principalment mal-Artikolu 6(1) kif ukoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Kwindi, a bazi ta’ dan l-aspett wahdu, l-azzjoni tieghu tista’ tregi purche` pero` kellu jirrizulta mill-provi illi bhala fatt kien hemm tassew tali diskriminazzjoni.

15. Diga` rajna li, bil-maqlub ta’ dak li gie sottomess mill-appellant, effettivament kuntatti, skambji b’korrispondenza, inkontri ghal fini ta’ esplorazzjoni ta’ xi kompromess jew soluzzjoni bejn l-appellant proprio et nomine u l-Bank Centrali kien hemm. Rajna wkoll li l-Bank Centrali, tajjeb jew hazin, deherlu li fil-kaz tal-appellant kien hemm xi irregolaritajiet oltre talba ghal hlas ta’ danni kontrieh mill-appellant – b’kawza *ad hoc* giet istitwita b’ezitu negattiv ghall-appellant. Isegwi mela li bazi kien hemm ghall-fatt li fil-kaz tal-appellant, l-awtoritajiet kompetenti mxew differnetment minn kif imxew ma’ ohrajn. Issa kif gie ritenut fil-kaz **Spadea and Scalabrino v. Italy**, (28 ta’ Settembru 1995),
“Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in ‘relevantly’ similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, *inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated.”

Ezami oggettiv u approfondit tal-provi kollha akkwiziti ma jurix li saret diskriminazzjoni mal-appellant proprio et nomine. Il-kaz tieghu, a differenza ta’ ohrajn, kien wiehed kompless taht diversi aspetti. Minbarra dan, la jista’ jinghad li l-appellant gie mcahhad mill-access ghal Qorti u lanqas li kellu xi possediment attwali vestit ghandu bi dritt. Thares minn liema angolu thares, jew ahjar mill-ottika ta’ xi artikolu tal-Konvenzjoni f’dan il-kaz, l-allegazzjoni ta’

agir diskriminatorju assolutament ma jirrizultax li sehh jew gie ppruvat.

Ghalhekk dan l-ahhar aggravju huwa wkoll infondat.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi, filwaqt li tilqa' l-appell tal-appellant propio et nomine limitatament ghall-ewwel aggravju dwar il-*quantum* li gie likwidat mill-ewwel Qorti riferribilment ghal dewmien procedurali leziv ghall-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, tirriforma din il-parti tas-sentenza appellata billi tawmenta l-ammont li gie ffissat ghal iehor ta' tlett elef Ewro (€3,000); u ghalhekk ukoll qeghda tichad l-aggravji l-ohra kollha tal-appellant proprio et nomine u tikkonferma l-bqija tas-sentenza, u dan a bazi tar-ragunijiet li jissemmew f'din is-sentenza. Konsegwentement, qeghda tikkundanna lill-appellat ihallas lill-appellanti proprio et nomine l-ammont fuq imsemmi komprizi imghaxijiet legali skont il-ligi mid-data tal-ewwel sentenza sal-pagament effettiv.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-kap tal-ispejjez relattivament ghaz-zewg istanzi ghandu jigi spartit hekk: dawk relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu kif gie deciz mill-Prim Awla Qorti Civili, jigifieri terz ($^{1}/_{3}$) ghall-appellant proprio et nomine u zewg terzi ($^{2}/_{3}$) ghall-appellat; dawk relattivi ghall-appell ikunu bil-maqlub, jigifieri zewg terzi ($^{2}/_{3}$) kontra l-appellant proprio et nomine u terz ($^{1}/_{3}$) ghall-appellat Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------